**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Rodney Borg)**
**(Spettur Andy Rotin)**
**-vs-**
**Charlot Debono detentur tal-Karta tal-Identità nru. 249288M**

***Kumpilazzjoni Nru. 279/2024***

Illum, 21 ta' Ottubru, 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat Charlot Debono u ċioè talli:

> Bejn Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) u Novembru tas-sena elfejn, tlieta u għoxrin (2023), f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:
>
> 1. Iffalsifika ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;
>
> 2. U aktar talli xjentement għamel użu minn waħda mill-karti msemmijin; (*sic*);
>
> 3. U aktar talli għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet,

obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli 183 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taha tagħrif falz;

6. U aktar talli b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5000) bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, il-Gvern ta' Malta u / jew xi entita u / jew entitajiet oħra;

7. U aktar talli bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, il-Gvern ta' Malta u / jew xi entita u / jew entitajiet oħra, għamel qligħ ieħor b'qerq ta' aktar minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5000);

8. U aktar talli kellha fil pussess ta' jew kellu taħt il-kontroll tiegħu xi oġġetti għall użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma xi frodi;

9. Fl-istess żmien, irrenda ruħu kompliċi fl-għoti ta' dikjarazzjonijiet foloz jew tagħrif falz lil Awtorità Pubblika, f'falsifikazzjoni, użu ta' dokumenti foloz kif ukoll frodi bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita u/jew entitajiet oħra billi xjentement, għen jew assista lill-awtur jew lill-awturi ta' delitt fl-atti li bihom id-delitt ġie ppreparat jew ikkonsmat u/jew xewwex jew saħħaħ il-volontà ta' ħaddieħor sabiex jagħmel id-delitt, jew wiegħed li wara l-fatt jassistih, jieqaf miegħu jew jikkumpensah.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum, 2024, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu għajr ghal dawk tal-falsifikazzjoni.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi

legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, tal-fatt li wera kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi, tal-fedina penali tiegħu w taċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ senjatament il-fatt li l-imputat beda jħallas lura lid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali u llum il-ġurnata intlaħaq ftehim mad-Dipartiment sabiex isir riżarċiment totali tar-*res furtiva*.

Ġie kunsidrat li l-imputazzjoni numru sebgħa (7) hi imputazzjoni alternattiva għall-imputazzjoni numru sitta (6).

Konsegwentement il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni numru sebgħa (7).

Illi l-imputazzjonijiet l-oħra servew bħala mezz ai fini għas-sitt (6) u għad-disa' (9) imputazzjoni.

Ġie kunsidrat ukoll li l-ammont tar-*res furtiva*, ma kienx wieħed diskrett; l-ammont iffrodat lil Erarju hu dak ta' erba**' u għoxrin elf, tmien mija u sebgħin Ewro (€24,870.00).**

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni numru sebgħa (7), wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 18, 31, 42(d)(e), 169[1], 184, 188(1), 308 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha, tikkundannah **sentejn (2) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal erba' w erbgħin xahar (44) millum.

Inoltrè a tenur tal-Artikolu 15A(1) tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-imputat jagħmel kumpens lid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali ta' dak dovut minnu lill-imsemmi dipartiment skond ir-*repayment programme* li ntlaħaq arranġament dwaru mad-dipartiment.

Dan l-Ordni jista' jiġi infurzat bl-istess mod bħallikieku dan ingħata f'azzjoni ċivili bejn il-ħati u d-Dipartiment.

Ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabiltà tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk matul il-perijodu operattiv jikkommetti reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ġaladarba f' dan il-proċediment ma kien hemm l-ebda espert nominat, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

[1] B'riferenza għall-Artikolu 167(1) tal-Kodiċi Kriminali